MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Numru. 79/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Roderick Zammit**

**vs**

**Ephraim Tanti**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Ephraim Tanti ta’ 30 sena, iben Paul u Angela nee’ Deguara mwieled Pieta’ fis-16 ta’ Frar 1981, residenti gewwa 110, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 110681(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn Settembru 2011 u Jannar 2012, irrenda ruhu komplici f’delitt ta’ serq minnn gewwa fond tal-kumpanija C. Camilleri & Sons Ltd ghad- dannu tas-sidien u diretturi

tal-istess kumpanija, liema delitt huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37) u bil-persuna;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Mejju 2012 (inserita a fol. 90 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 42, 43, 261, 267, 268, 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' merkanzija li kien qed issir mill-imhazen tas-socjeta' C. Camillleri & Sons Limited fil-Qasam Industrijali tal-Handaq, Hal-Qormi bejn Settembru 2011 u Jannar 2012 fejn tul din il-medda ta' zmien insterqet merkanzija li l-valur taghha kien ta' madwar €13,000. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta li s-serq kien qed isir minn zewg impjegati tal-istess socjeta', certu Justin Farrugia, li jidher li kien il-mohh wara dan is-serq, u James Long li kien impjegat mal-istess socjeta' fuq bazi part time. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-imsemmi Justin Farrugia li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar 2012, irrizulta li dan Farrugia kien jiehu l-merkanzija mill-imhazen u jehodha id-dar tieghu u meta sussegwentement beda' jahdem mal-kumpanija James

Long huwa nvolva lilu wkoll. Justin Farrugia qal li kien hemm madwar tlett okkazzjonijiet fejn huwa kien qabbad lill-imputat Ephraim Tanti li kien qed jahdem fuq building site triq il-boghod mill-imhazen u li kien joqghod fl-istess triq fejn kien joqghod hu sabiex dan igorrlu l-merkanzija sad-dar bil-vettura tieghu. Farrugia xehed li huwa ma kienx qal lill-imputat x'kien fihom l-ixkejjer li kien qed igorrlu d-dar jew li dawn kienu misruqin izda wara xi darba jew tnejn l-imputat beda' jissuspetta li kien hemm xi haga mhux f'lokha u mbaghad qallu li ma ridx ikompli jwassallu l-affarijiet. Huwa qal ukoll li lill-imputat kien tah bejn €20 u €30 kull darba li kien garlu l-merkanzija.

Illi l-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija[1] qal li huwa kien jaf lil Justin Farrugia ghaliex kien jghix fit-triq tieghu u qal li dan kien avvicinah sabiex jghabbilu xi affarijiet u li huma kienu jiltaqghu fil-building site tal-iskola f'Tal-Handaq fejn kien qed jahdem u Farrugia kien jghabbi l-affarijiet fil-vettura tieghu. L-imputat jghid li ghall-bidu ma kienx induna li l-affarijiet kienu misruqin izda mbaghad mill-logika nduna. Huwa qal li kien iwassal l-affarijiet id-dar ta' Farrugia Bormla u ta dan ix-xoghol Farrugia kien ihallsu €30 kull darba. Huwa qal ukoll li ghamel din il-haga bejn tlieta u erba' darbiet u spjega li ma kienx jaf minn fejn Farrugia kien qed igib l-affarijiet u l-anqas kien jaf x'ser jaghmel bihom jew x'kien il-kontenut tal-ixkejjer.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebitat bl-imputazzjoni ta' komplicita' fir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna. Il-Qorti taqbel mad-Dfiza li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien komplici fir-reat ta' serq u cioe' li kien hemm il-ftehim minn qabel dwar ir-reat li kellu jsir izda rnexxilha biss tipprova li l-imputat kien jaf li l-oggetti li kien qed igorr kienu gejjin minn serq u ghalhekk huwa ser jinstab hati ta' ricettazzjoni u mhux ta' komplicita' fis-serq. Il-Qorti fil-fatt jidrilha li kemm mill-istqarrija tal-imputat kif ukoll mix-xhieda ta'

[1] Inserita a  fol. 13 sa 15 tal-atti processwali.

Justin Farrugia jirrizulta li l-imputat ma kienx induna mill-ewwel li l-oggetti li kien qed igorr kienu gejjin minn serq u kien wara t-tieni darba li huwa beda' jigih suspett li dawn kienu misruqin. Il-Prosekuzzjoni izda ma gabet ebda prova li tindika li kien hemm ftehim min qabel bejn l-imputat u Farrugia dwar kif l-oggetti kienu ser jinsterqu etcetera. Kemm l-imputat kif ukoll Farrugia t-tnejn jghidu li l-imputat la kien jaf x'kien hemm fl-ixkejjer li kien qed igorr u l-anqas kien jaf minn fejn kien qed igib dawn l-ixkejjer.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li l-involviment tieghu kien marginali. Il-parti civili waqt is-sottomissjonijiet finali talbu li jigi applikat l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali izda l-Qorti jidrilha li meta wiehed iqis li l-involviment tal-imputat kien marginali kif ukoll il-fatt li kemm Farrugia kif ukoll Long li ammettew u gew misjuba hatja tas-serq tal-merkanzija inghataw sentenza sospiza minghajr l-applikazzjoni tal-Artikolu 28H, il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tapplika dan l-Artikolu fil-konfronti tal-imputat meta dan ma giex applikat fil-konfronti tal-persuni li wettqu s-serq.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu tas-17 ta' Mejju 2012 u l-Artikoli 334 u 279 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tar-reat ta' ricettazzjoni tal-oggetti indikati fic-charge sheet u tikkundannah tmien(8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------